# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2016**

Kawza Numru: 218/2016JB

Numru: 20

**Bank of Valletta plc (C2833)**

***vs***

**Ryan Buhagiar (K.I.: 209188M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-6 ta' Gunju 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elfejn, hames mija u wiehed u ghoxrin euro u tlieta u erbghin centezmu (€2,521.43) rapprezentanti bilanc ghal debitu f'*Consumer Loan Account* mal-bank attur flimkien mal-imghax ultejruri mid-19 ta' Dicembru 2015 sal-jum tal-pagament effettiv. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tat-18 ta' Marzu 2014.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-lum (fol 19);

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi izda deher ghas-seduta tal-lum fejn ammetta t-Talba Attrici;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi quddiem l-ammissjoni tal-Konvenut, huwa car li t-talba Attrici tisthoqq li tigi milqugha hekk kif dedotta;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fuq l-ammissjoni tal-Konvenut, jilqa' t-Talba Attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €2,521,43 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mid-19 ta' Dicembru 2015 sal-jum tal-pagament effettiv. L-ispejjez kollha tal-proceduri, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali tat-18 ta' Marzu 2014, ikunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*